MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru. 1278/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Victor Aquilina]**

**vs**

**Silvio Buttigieg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Buttigieg ta' 36 sena, bin John u Lourdes née Calleja, imwieled Pieta`, nhar is-16 ta' April 1973, residenti 62, Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` numru 244573(M).

Akkuzat talli gewwa l-Belt Valletta, gewwa l-konfini tal-Bini tal-Qorti, nhar l-4 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tal-9.45 a.m.:

1) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni tal-Ispettur Jesmond J. Borg bhala persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed

jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2) Ikkaguna lill-Ispettur Jesmond J. Borg jibza’ li ser tintuza xi vjolenza kotnrih jew kontra l-proprjeta` tieghu;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-hsieb ta’ xi hadd, wegga’ bi kliem, b’gesti, jew b’xi mod iehor lill-istess Spettur Jesmond J. Borg; u
4) Aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi mogtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigux mibdula.

Illi l-fatti illi taw lok ghal tali proceduri huma fil-qosor illi l-imputat, meta hareg mill-Awla tal-Qorti Kriminali fejn kien qed jigi trattat punt rigward ‘*bail*’ fil-konfront tieghu, ra lill-Ispettur tal-Pulizija Jesmond J. Borg li kien ghadu kif ta x-xhieda tieghu waqt il-kawza, stante li kien hu dak li kien investigah, u l-imputat ghaddielu xi kummenti li wasslu sabiex jinhargu dawn l-akkuzi.

Illi waqt il-mori tal-proceduri, l-istess imputat talab skuza lill-istess Spettur Jesmond J. Borg u dan fil-verbal tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010) liema apologija giet accettata minghand l-istess Spettur Borg.

Illi pero` dan ma jfissirx illi l-proceduri odjerni jistghu jieqfu hemmhekk u dan ghaliex hawnhekk m’ahniex qeghdin nitkellmu fuq reat maghmul minn persuna fuq persuna ohra privata, izda minn persuna illi ghandu kondotta ta’ tmintax-il faccata, fuq ufficjal tal-pulizija li dak il-hin kien qieghed fuq il-qadi ta’ dmirijietu ghaliex kien ghadu kif ta x-xhieda tieghu kontra l-istess imputat u dan jinkwadra perfettament mar-reat enuncjat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 li jghid hekk:
**“95.** (1) “***Kull min, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun***

***jaghmel** jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz* (enfasi mizjuda)***, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda bi grad."***

Illi din ma kenitx l-ewwel okkazjoni illi l-imputat ikkommetta reat kontra ufficjal tal-Pulizija, kien hemm okkazjoni ohra li nstab hati ta' reat kontra Kuntistabbli tal-Pulizija apparti r-reati l-ohra kontra l-persuna li l-istess imputat gie misjub hati li kkommetta. Illi ghalhekk dan ma kienx kaz izolat illi l-imputat forsi kien imfixkel jew inkwetat ghaliex dak il-hin l-Ispettur Borg kien ghadu kif xehed kontra tieghu u ghalhekk fis-sahna tal-hin hu qallu dawk il-kliem. Kif tixhed l-istess kondotta tieghu, hu kellu diversi okkazzjonijiet fejn ikkommetta reati simili.

Illi jekk wiehed jara l-kontenut tal-kliem li qal lill-Ispettur Borg u jezaminahom fil-konfront tal-ewwel tliet akkuzi. Illi dan l-ezami ghandu jkun wiehed oggettiv u dan kif gie enuncjat f'diversi sentenzi tal-Qrati Kriminali tal-Appell (ara Pulizija v. Massimo Tivisini, deciza fis-27 ta' Frar, 2009).

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg inniffsu fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2010, l-imputat ghajjru *"pufta"* u qallu kliem bhal *"lilek nifqaghlek ic-cwievet go ghajnejk".* Dawn l-ahhar kliem lissinhom ghal tliet darbiet. Imbaghad qallu *"lilek ghad insibek"* u rega' qallu *"tibzax insibek lilek"*.

Mistoqsi mill-Qorti minn kien hemm xhieda ta' dan l-akkadut, l-Ispettur Borg wiegeb illi kien hemm hu l-imputat, ommu ftit il-boghod minnu, PC Marco Micallef u finalment is-Supretendent Norbert Ciappara. Illi ta' min jghid ukoll illi dawn il-kliem intqalu f'post pubbliku fil-kuridur tal-Qorti fejn ikunu ghaddejjin numru ta' nies il-hin kollu anke minn quddiem il-Qorti Kriminali u fejn dawn il-kliem kontra l-Ispettur Jesmond J. Borg setghu jigu mlissna minn nies passanti apparti minn nies li kien hemm ezatt hdejn l-akkadut.

Illi x-xhieda tas-Supretendent Ciappara ikkorroborat ix-xhieda tal-Ispettur Borg fejn dan qal ukoll illi l-imputat kien jidher irrabjat u mitluf.

Illi sussegwentement u fix-xhieda tal-Ispettur Borg in kontro-ezami tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) fejn l-imputat talab apologija lill-istess, l-Ispettur Borg kien xehed illi bhala Kristjan huwa jahfirlu izda ma jistax jinsa dak li kien ghamel l-imputat. Huwa qal illi dakinhar huwa hasdu meta qallu dawk il-kliem ghaliex hu kien hallieh b'mod pjuttost amikevoli u mbaghad meta laqghu b'dak il-mod, inhasad u qajjimlu certu biza' ghaliex l-atteggjament tal-imputat ma stenniehx.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti thoss illi l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat gew sufficjentement ippruvati izda tenut kont tal-iskuza tal-imputat din il-Qorti thoss ukoll illi ghandha taghti lill-imputat il-beneficcju li ma tinfliggix il-piena massima. Pero` huwa fatt ukoll illi kif ampjament ippruvat mill-Prosekuzzjoni mid-dokumenti pprezentati, illi l-imputat huwa ukoll recidiv skont is-sentenzi hemm ipprezentati.

Illi ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti wara li rat l-akkuzi kif migjuba kontra l-imputat, wara li hadet konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati u x-xhieda migjuba quddiema, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe` l-Artikoli 49,  251B u 252 li qed jigi assorbit fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat skuza ruhu tal-akkadut; thoss li l-akkuza giet ampjament ippruvata u ssib lill-imputat Silvio Butigieg hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih u tikkundannah piena ta' seba' (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------